MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 579/2008

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**Vs**

**Rocky & Co. Limited (C36820) u Khalel Ibrahim Gad Alla Rezk Gad Alla (I.D. 33103L) u martu Maria Bernarda Gad Alla Rezk Khalel (I.D. 148464M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Lulju 2008, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici in solidum u bejniethom is-somma ta’ tliet mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), rapprezentanti hlas ghall-licenzja tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAB 618, propjeta` tal-konvenuti Khalel Ibrahim Gad Alla Rezk Gad Alla u martu, liema hlas gie effettwat mis-socjeta` attrici fuq

inkarigu ta’ l-istess konvenuti, li min-naha taghhom taw ic-cekk numru ghaxra (10) datat 31 ta’ Awissu 2007, mahrug fuq BOV plc mis-socjeta` konvenuta Rocky & Co. Ltd. u liema cekk gie referred to drawer fis-7 ta’ Settembru 2007 minhabba nuqqas ta’ fondi, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju u bl-imghaxijiet legali mit-31 ta’ Awissu 2007, kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

Ra n-nota pprezentata mill-konvenuti fit-13 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha ammettew it-talbiet attrici kif dedotti.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata u fid-dawl ta’ l-ammissjoni tal-konvenuti, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------